MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 1197/2005

**Aplan Ltd**

**Vs**

**Quality Standards Ltd**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija erbgha u sittin Lira u sebghin centezmu (Lm564.70c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija debitament konsenjata lilha.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta fejn tghid illi t-talbiet qieghdin jigu respinti fil-fatt u fid-dritt u dana stante li l-

istess socjeta attrici kienet giet imhallsa a saldu tal-kreditu.

Ra x-xhieda ta' Charles Ebejer fejn jghid illi hallas lill-Aplan Ltd l-ammont ta' ta' erbat elef u mitejn Lira (Lm4,200) 'in full and final settlement' billi mar bic-cekk ghand Midi Contracting Ltd u illi dak il-hin il-Midi kienu tawh cekk li huma kellhom jaghtu lilu.

Illi qabel kien iltaqa ma' Aplan Ltd ghaliex ma kienx qed jaqbel mal-ammont mitlub mis-socjeta attrici. Ebejer jallega illi l-ammont miftihem kien ta' erbat elef u mitejn Lira (Lm 4,200). Illi biex kellu jithallas minghand il-Midi, Ebejer kellu jhallas lil Aplan qabel.

Fis-seduta tas-6 ta' April Ebejer jghid illi dam biex hallas wara l-ftehim ghaliex stenna l-credit note tigi. Jghid illi l-Midi damu biex ihallsuh.

Ra x-xhieda ta Patrick Wirth fejn jghid illi s-socjeta attrici kkwotat prezz u s-socjeta konvenuta accettatu. Illi s-socjeta attrici talbet diversi drabi lis-socjeta konvenuta biex thallas l-ammont dovut. Illi ftehmu biex jitkellmu fuq il-bilanc u s-socjeta attrici accettat kompromess u naqset l-ammont. Illi skond il-ftehim li kellhom il-konvenut kellu jibghat cekk bl-ammont originali mbaghad Wirth johrog credit note bid-differenza.

Jghid illi s-socjeta attrici cemplet diversi drabi lis-socjeta konvenuta izda din qatt ma hallset. Illi l-iskuza ta' Ebejer kienet illi ma qabel ikun imhallas minghand il-Midi. Illi meta gabar ic-cekk minghand il-Midi huwa nduna li l-ammont kien inqas.

Ikkunsidra illi s-societa konvenuta tecepixxi l-hlas u tibbaza dan fuq cheque moghti lis-societa attrici. Illi fuq wara ta' dan ic-cheque hemm il-kliem "in full and final settlement for Invoices ……".

Illi s-societa attrici ma tichadx li rceviet l-istess cheque u ma tikkontestax l-allegazzjoni li l-invoices huma dawk in kwistjoni. Is-societa attrici tghid li l-ftehim kien li s-societa

konvenuta thallas erbat elef u erba mitt Lira (Lm4400) meta fil-fatt hallset erbat elef u mitejn Lira (Lm4200). Illi s-societa attrici tghid li l-ammont ta' erbat elef u erba mitt Lira (Lm4400) kellu jithallas fi zmien gimghatejn izda s-societa konvenuta ma hallsitx fiz- zmien miftiehem u ghalhekk is-societa attrici tippretendi li tithallas l-ammont kollu mitlub u mhux l-ammont ridott b'tenttattiv ta' transazzjoni.

Mistoqsi dwar ic-cheque Patrick Wirth ghas-societa attrici qal: "meta gbartu ndunjat li kien ta' erbat elef u mitejn Lira (Lm4200) minflok ta' erbat elef u erba mitt Lira (Lm4400). Jiena allura ddepozitajt ic-cekk fis-sistema taghna. Fuq ic-cekk kien hemm il-kliem "in full and final settlement" li kiteb Charles Ebejer.

Illi s-societa attrici taghmel riferenza ghal kawza "Wembly Ice Cream Factory Limited vs. Kummissarju tat-Taxxi Interni (Appell Inf. 10/10/2005) fejn intqal li biex wiehed jikkonkludi li hemm rinunzja da parti tal-kreditur, din ir-renunzja trid tigi ppruvata "minghajr il-possibilita' ta' interpretazzjoni diversa." Illi jrid jigi pruvat li din kienet "il-volonta" inekwivokabbli tieghu".

Illi meta s-societa attrici rceviet ic-cheque bil-kliem "in full and final settlement" ma setatx tahseb li dan kien pagament "akkont". Illi jekk ma rieditx taccetta dan l-ammont kellha tibghat ic-cheque lura u mhux tiddeposita l-istess.

Fil-kawza Raymond Bonnici noe vs. Horace Tonna PA Qorti Civili 24/4/1992 intqal li "in tema legali u fejn ic-cirkostanzi huma tali li kull parti taf x'qieghed isehh, meta d-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m'ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaqbad minflok u jaccettah b'kondizzjonijiet u b'rizervi li intrinsikament u necessarjament huma inkonsistenti ma' offerta ta' pagament a saldu (hekk ara ukoll is-sentenza Apap vs. Gasan PA 26/11/1986).

Illi dan it-Tribunal jifhem li sar ftehim li s-societa konvenuta kellha thallas certu ammont, li s-societa konvenuta naqset li tonora dan il-ftehim, li kreditur li ikun ilu jistenna pagament ikollu tentazzjoni li almenu jiehu parti mill-ammont dovut izda bhala fatt jekk kien hemm miktub fuq ic-cheque “in full and final settlement” is-societa attrici ghamlet zball meta ddepositat l-istess cheque fil-kont taghha. Illi s-societa attrici ma tallegax li ma kienitx indunat bil-kliem fuq wara tac-cekk qabel ma ddepositatu.

Illi missu kien car ghas-societa attrici li l-konvenut qed joffri l-ammont ghas-saldu. F’dan il-waqt, l-istess societa attrici kellha tagixxi mod iehor u mhux tiddiposita c-cekk.

Ghaldaqstant jichad it-talba attrici. L-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet billi kienet is-societa konvenuta li naqset li tonora l-ftehim.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------